# Il-Kontijiet Ekonomiċi għall-Biedja: 2025

NR 169/2026 | Il-Biedja | Data tal-Ħruġ: 28/09/2026





## Il-Punti ewlenin

- Fl-2025, il-produzzjoni totali tas-settur agrikolu lokali naqset b'0.1 fil-mija meta mqabbla ma' dik imkejla fis-sena ta' qabel u laħqet il-valur ta' €141.8 miljun.
- Il-konsum intermedju tal-ispejjeż ewlenin imħallsa mis-settur tul il-proċessi varji tal-produzzjoni telgħu b'0.9 fil-mija għal total ta' €87.9 miljun fl-2025.
- Il-valur miżjud gross tas-settur agrikolu naqas b'1.7 fil-mija biex laħaq it-€53.9 miljun.

## Il-Kummentarju

*Sa tmiem l-2025, il-valur totali tal-produzzjoni agrikola kien stmat li naqas b'0.1 fil-mija meta mqabbel mal-2024; filwaqt li l-valur miżjud gross naqas b'1.7 fil-mija.*

Ċifri proviżorji dwar il-valur tal-produzzjoni agrikola lokali mibjugħa matul l-2025 juru li din kienet ta' €141.8 miljun, tnaqqis ta' 0.1 fil-mija fuq l-2024. B'kuntrast, il-konsum intermedju mħallas mill-azjendi agrikoli li joperaw fil-qasam żdied b'0.9 fil-mija għal €87.9 miljun. B'hekk, il-valur miżjud gross naqas b'1.7 fil-mija fuq is-sena ta' qabel biex laħaq it-€53.9 miljun. Barra minn hekk, l-ispiża marbuta mad-diprezzament tal-mezzi tal-kapital fiss li ġew użati mill-bdiewa għall-qligħ tagħhom naqset b'0.6 fil-mija għal €7.1 miljuni, filwaqt li n-nefqa fuq il-pagi żdiedet b'10.6 fil-mija biex laħqet id-€9.5 miljuni.

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-għajnuna finanzjarja mogħtija lis-settur matul is-sena ta' riferenza, it-total ta' assistenza li ngħatat kemm mill-programmi ffinanzjati mill-UE kif ukoll mill-fondi tal-Gvern żdiedet b'4.7 fil-mija, minn €27.4 miljun fl-2024 għall-€28.7 miljun fl-2025. Minkejja din iż-żieda, il-qligħ operattiv nett tas-settur naqas b'0.7 fil-mija għal €66.0 miljun. Meta jitqies id-dħul nett negattiv ta' €1.0 miljun, li hu marbut mal-użu ta' proprjetà agrikola u li kien imħallas mill-azjendi agrikoli matul l-2025, id-dħul intraprenditorjali nett li kien irreġistrat minn dan is-settur huwa stmat li naqas b'0.7 fil-mija għal €65.0 miljun (Tabella nru 1, Ċarts nri 1 u 2).

**Ċart nru 1. Il-produzzjoni agrikola, il-konsum intermedju u l-valur miżjud gross**

*f'eluf ta' ewro*




**Ċart nru 2. Id-dħul intraprenditorjali nett tas-settur tal-biedja, bis-sena**

*f'eluf ta' ewro*




It-tnaqqis fil-valur tal-produzzjoni agrikola ġie minn valur iżjed baxx tal-bejgħa ta' prodotti tal-laħam u ta' ħaxix u frott, li naqsu b'1.8 fil-mija u b'0.2 fil-mija, rispettivament. Min-naħa l-oħra, il-valur tal-bejgħa ta' prodotti miksuba minn attivitajiet sekondarji tal-istess azjendi u ta' prodotti miksuba mill-annimali żdied bi 2.8 fil-mija u b'1.4 fil-mija (Tabella nru 2 u Ċart nru 3).

**Ċart nru 3. Is-sehem perċentwali tal-produzzjoni agrikola bil-kategorija tal-prodott u s-sena**




Min-naħa tal-infiq, il-konsum intermedju mħallas mill-azjendi agrikoli rreġistra infiq ogħla fuq spejjeż varji, fuq it-tkabbir ta' ħaxix u frott, u fuq spejjeż marbuta mal-enerġija u l-fjuwil, li telgħu bi 3.2 fil-mija, bi 2.7 fil-mija u b'1.0 fil-mija, rispettivament. Bil-maqlub ta' dawn, l-ispiża fuq il-magħlef tal-bhejjem naqset b'0.8 fil-mija (Tabella nru 3 u Ċart nru 4).

**Ċart nru 4. Il-konsum intermedju tal-biedja bil-kategorija u s-sehem relattiv tal-ispiża kollha: 2025**




Il-Biedja

Stqarrijiet tal-Aħbarijiet Oħra

Il-Kontijiet Ekonomiċi għall-Biedja: 2024

Il-Kontijiet Ekonomiċi għall-Biedja: 2023

Il-Kontijiet Ekonomiċi għall-Biedja: 2022

Economic Accounts for Agriculture: 2021

Census of Agriculture 2020: Main Findings

Temi Oħra Relatati

Is-Sajd

L-Ambjent

Għal mistoqsijiet ikkuntattja:

environment.nso@gov.mt

Għal aktar data, jekk jogħġbok żur:

L-Indikaturi Magħżula